



C/2025/5857

10.11.2025

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2025 – Kayser Berndorf u Kayser vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-622/25)

(C/2025/5857)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Kayser Berndorf GmbH (Vjenna, l-Awstrija), Kayser s.r.o. (Praga, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentanti: D. Abrahams u Z. Romata, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;
- tannulla r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1222 tat-2 ta' April 2025 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati ta' ċerti sustanzi (ĠU L, 2025/1222), (iktar 'il quddiem l-“att ikkontestat”) sa fejn dan jikkonċerna l-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar armonizzati (iktar 'il quddiem iċ-“CLH”) tal-ossidu nitruż (iktar 'il quddiem is-“sustanza” jew “N2O”) bħala kategorija ta' perikolu “Repr. 1B (H360Df)” (meqjus tossiku għar-riproduzzjoni umana) (iktar 'il quddiem l-“klassifikazzjoni kkontestata”);
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' din il-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni għamlet żball ta' liġi bi ksur tal-Artikolu 37(5) tar-Regolament CLP ⁽¹⁾ billi adottat il-klassifikazzjoni kkontestata abbażi tal-opinjoni vvizzjata tal-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (iktar 'il quddiem ir-“RAC”). L-opinjoni tar-RAC hija vvizzjata bid-“deċiżjoni sigrieta” tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (iktar 'il quddiem l-“Aġenzija”) li tirrakkomanda l-klassifikazzjoni kkontestata, li ostakolat il-ġenerazzjoni tad-data neċessarja sabiex jiġi orjentat it-tehdid ta' deċiżjonijiet regolatorji dwar il-klassifikazzjoni fil-futur. L-opinjoni tar-RAC ma tistax tinfired mill-klassifikazzjoni kkontestata. Il-Kummissjoni kienet taf bil-mod kif l-opinjoni tar-RAC kienet invvizzjata, iżda, madankollu, qagħdet fuqha bħala bażi għall-adozzjoni tal-klassifikazzjoni kkontestata – konsegwentement invvizzjata – fil-miżura kkontestata.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-fatt li l-Kummissjoni qagħdet fuq id-“deċiżjoni sigrieta” tal-Aġenzija ċaħħdet lir-rikorrenti mill-possibbiltà li jiġġeneraw id-data neċessarja, u dan jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni għamlet żball ta' liġi meta kisret l-Artikolu 37(5) tar-Regolament CLP billi adottat il-klassifikazzjoni kkontestata fil-miżura kkontestata abbażi tal-opinjoni tar-RAC, li hija vvizzjata b'data materjalment inkompleta li ma tistax issostni l-konklużjonijiet milħuqa. Dan huwa r-riżultat tan-nuqqas tal-Aġenzija li timla l-lakuni fid-data fil-fajl ta' reġistrazzjoni minħabba applikazzjoni ħażina tat-Taqsima 8.7 tal-Anness IX tar-REACH ⁽²⁾. Il-Kummissjoni kienet taf bil-mod kif l-opinjoni tar-RAC kienet invvizzjata, iżda, madankollu, qagħdet fuqha bħala bażi għall-adozzjoni tal-klassifikazzjoni kkontestata – konsegwentement invvizzjata – fil-miżura kkontestata.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 16 ta' Diċembru 2008, dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU 2008, L 353, p. 1, rettifika fil-ĠU 2011, L 16, p. 1, fil-ĠU 2016, L 349, p. 1 u fil-ĠU 2019, L 117, p. 8).

⁽²⁾ Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU 2006, L 396, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 136, p. 3, fil-ĠU 2008, L 141, p. 22 u fil-ĠU 2009, L 36, p. 84).

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni l-Kummissjoni għamlet żball manifest ta' evalwazzjoni meta adottat il-klassifikazzjoni kkontestata fl-att ikkontestat. B'mod speċifiku, l-evalwazzjoni tagħha tad-data disponibbli (u materjalment inkompleta) ma setgħetx issostni l-konklużjonijiet milħuqa. B'mod speċifiku, il-Kummissjoni ma setgħetx tasal għall-konklużjoni legalment meħtieġa li l-adozzjoni kienet "xierqa", bi ksur tal-Artikolu 37(5) tar-Regolament CLP. Barra minn hekk, jew sussidjarjament, il-Kummissjoni ma setgħetx tasal għall-konklużjoni legalment meħtieġa li kien hemm "provi ċari ta' impatt negattiv", bi ksur tat-Tabella 3.7.1(a) tal-Taqsim 3.7.2.1.1 tal-Anness I.
-